Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IS-SEBAT LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 85
## Il-Hamis 31 ta' Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-17:30 p.m.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Matthew Agius – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

85.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

85.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Matthew Agius, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

### 85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

85.2.01 Il-minuti ta' Seduta L7-82 ittieħdu bħala moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 85.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

85.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mir-Reġjun Ċentru, dwar l-ECAD membership.

85.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza min għand l-Enviormental Science Department, u spjegat li dawn qed jaraw jekk hemx interess mil- Kunsill biex iħawwel siġar li jkabbru l-studenti għall- proġetti edukattivi li l- Junior College jipparteċipa fihom.

85.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza u minuti ta'laqgħa, ma' Faces dwar Bus Shelters u talbet lill- Kunsilliera preżenti jipproponu jew jindikaw, fejn hemm bżonn u jista' issiru shelters ġodda.

85.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza , talbiet mal- Ministeru u applikazzjonijiet mal-Enemalta biex jiġi nstallat dawl f 'St Joseph drive. F' Triq Ċensu Farrugia u t- Triq tas-Sisla.

85.3.05 85.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill- Kunsilliera preżenti li saret press conference fil-Ministeru għall-Familja Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali għall- Amministraturi tal- blokki li se jibenifikaw minn fondi biex ittejbu l- komun tal- blokki taghhom. Dawn ingħataw id-dettalji ta'kif għandhom jipproċedu u sar il-ftehim biex jibbenefikaw mill- iskema. Hawn kompliet tispjega lid- delegat lis -Sur Emmanuel Brincat, biex jattendi minħabba li hija kienet se tkun imsiefra u Segretarju Eżekuttiv ma setax jattendi minħabba li kellu laqgħa oħra.

**85.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

85-4-01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk intbgħatux l-emendi, lill- avukat wara il-laqgħa mal- pulizija.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għamel l-emendi kif diskuss biss hemm xi items li jrid jiċċarhom għax jidhru li huma ripetittivi. Barra min hekk hemm bżonn verifika fuq emenda fejn tista’ tkun konfliġġenti, mal-ħruġ ta'permessi tal-imwejjed u s- siġġijiet.

85.4.02 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk ir-residenti, ta'Triq Robert Naudi ġewx avżati li se ssir il-bankina.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kuntrattur beda x-xogħol qabel kien mistenni u eżatt kif lesta il-bankina ta'Triq D'Argens, l-ittra avviż tqassmet tard. Għall- bankina ta' Triq il-Baċir, l-ittra avviż lesta biex titqassam.

85.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux se ssir il-bankina l-oħra, ta'Triq D'Argens.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ssuġeriet ma’ TM biex din ma ssirx, sakemm naraw l-andament ta'traffiku.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżent l-Infrastructure Malta qed taħdem, fuq pjan għall- Traffic Managment Arteriali. U sakemm joħorġu aktar dettalji , dan ix-xogħol, tal-bankina ġo Rue D'Argens ser jieqaf.

85.4.04 Is-Sur Maurice Agius staqsa fuq ċitazzjoni li ħarġet f'l-ewwel ġurnata tal-parkeġġ ristrett, għax mhux sewwa li waqt il-laqgħa semmiet li dawn ser jinħafru u ma ġarax hekk.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li saret korrispondenza lill- LESA u l-Pulizija u ma kienx hemm risposta . Hawn kompla jispjega li ġa tkellem bosta drabi anke flimkien mas-Sur Agius, mal-pulizija u LESA iżda qatt ma kien hemm risposta b'il miktub.Kif ġie diskuss ġol- laqgħat preċedenti jekk ma tiġi l-ebda dokumentazzjoni uffiċċjali, ma jistax jikkonferma li dawn kienu se jitħassru.

85.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

85.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li ttemm l-impjieg ta'impjegat, li ma tax kontribut, sodisfaċenti waqt il-perjodu ta'prova u reġa' hemm post vakanti. Hawn kompla jispjega li jrid jerga jibda il-proċess, biex jiġi ngaġġat impjegat fuq Skala 15 .

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew, u approvaw.

85.5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il- mejda rakkomandazzjoni għall- Performance tal-impjegati amministrattivi, biex ikunu kunsidrati u approvati.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw il-Performance Bonus segwenti.
4 impjegati 6%
2 impjegati 3 % b'riserva.<documentata go file ssigilat u ffirmat mill kunsilliera>

Mizjuda:<documentata go file ssigilat u ffirmat mill kunsilliera>

85.5.03 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poġġiet fuq il- mejda, rakkomandazzjoni għall- Performance ta'Segretarju Eżekuttiv.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw, il-Performance Bonus ta'10%.

85.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda, Cir : AKL 2019/010 dwar id-Data Protection Officers mal-Kunsilli Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li kellem impjegata fuq Skala 11. Fejn aċċettat u qed jagħmel rakkomandazzjoni tiegħu, biex tieħu dan ir-rwol. Din ġa ħadet taħriġ bażiku, u li se tintbagħat għall- aktar taħriġ.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u approvaw.

85.5.05 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai poġġiet fuq il- mejda, rakkomandazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv ta' Swatar għall-Performance ta'Segretarju Eżekuttiv tas-Swatar.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw ir-rakkomandazzjoni għall-Performance Bonus ta'10% pro rata, għan- numru ta' siegħat maħduma suġġett għall- approvazzjoni skond kif dawn huma maqsuma, bejn il-Kunsill Lokali tal-Imsida , ta' B'Kara u d-Dipartiment għall- Gvern Lokali (DLG)

85.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai talbet lill- Kunsilliera preżenti jiddeċiedu meta, se ssir il- Laqgħa Annwali għar-residenti tal-lokal.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u qabblu li din għanda ssir nhar it-28 ta'Frar 2019 fil 17:00 pm.

85.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda u għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li qabel l-aħħar tas-sena, saru l-applikazzjonijiet għall fondi ma' l- Planning Development fund (PDF) għall- 3 proġetti tal-prominade ġo Xatt ta'Xbiex ,Il-Latrina ġo Misraħ 5 ta'Ottubru, u l-Ġnien ġo Misraħ San Ġużepp. Hawn kompliet tispjega, li l-pjanti huma suġġetti għall- approvazzjoni ta' żvilupp mill P.A. U wara dawn jiġu, ipproċessati mill- PDF.

Is-Sinjura Romina Galea qalet li kien qed ssir ċertu diskors fuq barra, li dan il-proġett qed jinkludi Grawnd tal-Football u mhux se jkun jista' issir il-logħob tan-nar tal- art.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-applikazzjoni hija għall- ġnien u kif kien diskuss u approvat, waqt laqgħa tal- Kunsill L7-82.5.01 tal- 24 ta'Ottubru. Kien hemm proposta mill is-Segretarjat għall- isport, biex jinstalla Multi Sport Facility.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu li għanda tissejjaħ laqgħa, bejn il-Membri kollha tal-Kunsill u id-dilettanti tan-Nar għall- Ġimgħa 8 ta'Frar fis- 18:00pm.

85.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda rapport u talba ta' no objection fuq PA/00876/17 għall xogħol fuq ir- rampa quddiem show room, ġo Triq il-Prinċipessa Margaret.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li kien hemm laqgħa fuq il- post flimkien mas-sur Emmanuel Brincat, u l-Perit fejn dan spjega li qed jagħmlu talba ma' l- PA minħabba l-bankina u r-rampa ma setgħetx tkun skond il-pjanta li ħareġ fuqha il-permess. Hawn kompla jispjega li talab għall- dan ir-rapport, u biex fl-istess ħin jaraw kif issibu soluzzjoni għar-rampa biex tkun anqas wieqfa birx tippermetti passaġġ livell għan- nies li jużaw il-bankina kif suppost

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u se jitqabbad, il-Perit tal- Kunsill biex jiltaqa' ma' l- Perit ta'show room.

85.5.09 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li waħda mill-impjegati talbet biex iġedded il-ftehim eżistenti ta'telework għall- sena oħra.
Il-Kunsilliera preżenti diskuttew u qabblu unanimament, li dan il-ftehim għandu jiġġedded sa' l-aħħar ta'Ġunju. Fejn wara għanda ssir talba, oħra għad- diskrezzjoni ta' Kunsill ġdid.

85.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill- Kunsilliera preżenti li qed ikun hemm ħafna llmenti, fuq il-Bring in Site ta'Xatt ta'Xbiex fejn qed ssir ħafna pressjoni mis-Segretarjat, u d-Dipartiment, biex l-affarijiet mormija li hemm jiġu l-hin kollu żbarażati. Hawn kompliet tispjega li dawn spiċċaw, dumping site għall- kull tip ta'skart. Minn boroż suwed barra, l-skeda sa' saqqijiet u ma jistax ikun li dawn jibqgħu hemm għall- ġranet, sħaħ ġo żona pedonali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li talab u sar infurzar fejn ikkonferma li saru numru ta' ċitazzjonijiet iżda xorta għad hemm min qed jarmi' l-skart hemm fil waqt li l-infurzar ma jistax ikun 24/7. Hawn kompla jispjega li l-ħaddiema tal-Kunsill qed imorru jiżbarazzaw kull darba l-skart goff barra Il-ġranet li dan suppost jinġabar. iżda dejjem qed ikun hemm min qed immur jarmi hemm.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet, li dawn għandhom jitneħħew.
Is-Sur lino Bartolo ssuġġerixa biex il-kuntrattur jitfa aktar skips tas-Swatar, għax hemm spazju vojt li jista' jħajjar lill xi ħadd jarmi hemm.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li l-Bring in site ta'Xatt ta'Xbiex titneħħa.

85.5.11 Is-Sur Maurice Agius qal li qed ikun hemm akkumulu ta'boroż, tal-Iskart ġo Misraħ il-Barrieri.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jkellem lill- Kuntrattur, li ġa ħa twiddiba minn uffiċċjal tal-infurzar xi ftit tax-xhur ilu.

85.5.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar binja perikoluża ġo Triq il-Wied, kantuniera ma' Triq Santa Venera.
Is-Segretarju Eźekuttiv ħa nota u wieġeb, li din kemm il-darba saru rapporti. se jibgħat rapport ieħor lill- Enforcement tal- PA, u jikteb lill-pulizija għall- assistenza biex jieħdu azzjoni.

85.5.13 Is Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-Bus stop fi' Triq il-Wied li mhux qed tidher, u dwar it- taxis pparkjati fuq il-bankina.
Is Sur Lino Bartolo staqsa jekk jistgħux ssir stop sign, u slow fi Triq Nazju Falzon ma' Triq l-Università.
Is- Sur Lino Bartolo tkellem dwar sit ta'kostruzzjoni, wieqaf ġo Triq il-Ħarrub.
Staqsa wkoll dwar it-tabella tal-ħamiem li talbu ir-residenti, ħdejn l-Għajn tal- Ħasselin.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota, u wieġeb li ser iwassal r-rapporti lill-awtoritajiet ikkonċernati. Dwar it-tabella tal- Ħamiem din waslet, u hemm diġà' works order biex teħel.

85.5.14 Is-Sinjura Romina Galea qalet li hemm xi residenti li lmentaw, li hemm Kuntrattur li kellem lir-residenti li qalilhom ser jagħmel il- katusi tal bejt jitfgħu għall- ġo gandott ġo Sqaq Clarence.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jieħu nota, u se jipprova jiċċekkja ma'l-Kuntrattur.

85.5.15 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk tistax ssir tabella Do not disturb the residents ġo Triq EH Furse, kantuniera ma' Triq il-Ħriereb.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

85.5.16 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar inkonsistenza fil-knis u ġbir tal-Iskart u hemm bżonn jagħfsu fuq il kuntratturi u jwaħħlu l- penali.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fl-Item li jmiss, ser ikun diskuss it-tenders tal-Contracts Manager huwa wieħed fosthom.

## 85.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.

85.6-01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- 4th Qtr: Financial indicators, u l- un audited Financial Report għas- sena 2018.

L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq is-sena finanzjarja b'bilanċ pożittiv li kompla ssaħħaħ il-qagħda finanzjarja, u wieġbet fid-dettall għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u approvaw iż-żewġ rapporti.

85.6-02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport ta' laqgħat tal-Kumitat għall-evalwazzjoni, u r- rakkomandazzjoni tiegħu għall-offerta waħda ta' sejħa. ( KLMsd TDR. 1.2018 Professional services of an Architect.) Li kienet konformi għall- kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din l-offerta, u approvaw unanimament.

85.6-03 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport ta' laqgħat tal-Kumitat għall-evalwazzjoni, u r- rakkomandazzjoni tiegħu għall-żewġt offerti ta' sejħa. ( 85.6.03 : KLMsd.TDR.5.2018 Profesional services of a Contracts manager ) Fejn intgħażel l-orħos offerta li kienet konformi għall- kunsiderazzjoni, u approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din l-offerta, u approvaw unanimament.

85.6-04 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport ta' laqgħat tal-Kumitat għall-evalwazzjoni u r- rakkomandazzjoni tiegħu għall offerta waħda ta' sejħa. ( KLMsd TDR. 3 . 2018 Tender for general construction works and the repairs and upkeep of roads, pavements and water culverts.) li kienet konformi għall kunsiderazzjoni, u approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din l-offerta, u approvaw unanimament.

85.6-05 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tar-Rapport ta' laqgħat tal-Kumitat għall-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjoni tiegħu għall żewġ offerti ta' sejħa. ( KLMsd.TDR.6.2018 Professional services of an Accountant) fejn intgħażel l-orħos offerta, li kienet konformi għall kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din l-offerta, u approvaw unanimament.

### 85.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

85.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-85 < dc 85 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn l-21 ta'Diċembru 2018 u l-31 ta'Jannar 2019. għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Lino Bartolo, u s-sekondati mis -Sur Maurice Agius.
L- iskeda ġiet approvata ,unanimament.

### 85.8 Tmiem tal-laqgħa u d- data tas-seduta li jmiss.

85.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-20:30 ta' wara nofsinhar u ġiet aġġornata, għall-Ħamis 28 ta' Frar 2019 għall- wara l-Laqgħa Pubblika.

Minuti kkonfermati, illum 28 ta'Frar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |